

- fi kwalunkwe każ, tiddikjara n-nullità totali tal-preżentata Nru 1 028 737 magħmula mill-kumpannija Arrigoni Battista SpA, abbażi tal-ksur sussegwenti tal-liġi.

#### **Motivi invokati**

- ksur tal-Artikolu 8(2)(a) tar-Regolament Nru 207/2009;
- ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- ksur tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja;
- ksur tal-Karta Kostituzzjonali Ewropea;
- ksur tal-Artikolu II-77 Dritt għall-Proprijetà;
- ksur tal-Artikoli 76 u 87 tal-Kostituzzjoni;
- ksur tal-Liġi Nru 273 tat-12 ta' Diċembru 2002;
- ksur tal-Kodiċi tal-Proprijetà Industrijali, Digriet Leġiżlattiv Nru 30 tal-10 ta' Frar 2005, l-Italja u l-emendi sussegwenti: Artikolu 7 – punti B, C u G tal-Artikolu 12 – Artikolu 13(1) – punt 1 tal-Artikolu 16 – Artikolu 20 – Artikolu 22(1) u (2);
- bl-adozzjoni ta' kull deċiżjoni, anki fdak li jirrigwarda l-ispejjeż, bla īxsara għal kull dritt eżistenti.

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2016 – Aldi Einkauf vs EUIPO – Schwamm & Cie. (Le Coq de France)**

**(Kawża T-457/16)**

(2016/C 364/31)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

#### **Partijiet**

**Rikorrenti:** Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, C. Fürsen u N. Bertram, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Schwamm & Cie. (Saarbrücken, il-Ġermanja)

#### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

**Applikant għat-trade mark kontenjuha:** ir-rikorrenti

**Trade mark kontenjuha kkonċernata:** trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Le Coq de France” – Applikazzjoni għal-reġistrazzjoni Nru 10 882 331

**Proċedimenti quddiem l-EUIPO:** proċedimenti ta' oppożizzjoni

**Deċiżjoni kkontestata:** deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Ġunju 2016 fil-Każ 1786/2015-4

#### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

#### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.